MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 169/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dr Alfred Grech**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dr. Alfred Grech talli fl-14 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-5.30pm waqt li kien fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex;

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti involontarjament habat ma' karozza numru DBG656 u kkaguna hsara ghad-dannu ta' Jacqueline Delicata minn Birkirkara;

2. meta sehhet l-imsemmija kollizjoni naqas li jieqaf bil-karozza tieghu numru CBE334 u telaq minn fuq il-post tal-incident;

3. saq vettura numru CBE334 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

4. saq l-imsemmija vettura bil-licenzja tas-sewqan mhux ingedda ghas-sena kurrenti;

5. talli fl-istess data ghall-habta tas-6.30pm ingurja lil PS 1424 M. Sciberras minn fuq il-mobile phone, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-sevizz; u

6. aktar talli ghamel uzu hazin minn apparat ta’ telekomunikazzjonijiet billi uza l-istess apparat biex ingurja bi kliem lil PS 1424 M. Sciberras.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-19 ta’ April 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Dr Alfred Grech hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu hlief ghas-sitt imputazzjoni (li minnha lliberatu), ikkundannatu jhallas multa ta’ elf u mitt lira (Lm1,100), kif ukoll, fit-termini ta’ l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta’ sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Dr. Alfred Grech, minnu prezentat flt-25 ta’ April 2007, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena jew, alternattivament, wara li tannulla s-sentenza, tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel qorti sabiex dik terga’ tiddecidi dwar il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta’ Lulju 2007; ikkunsidrat:

**1.** L-appellant Dr. Alfred Grech ghandu diversi aggravji li normalment din il-Qorti titratta *seriatim*. F’dan il-kaz, izda, hemm aggravju minnhom li neccessarjament irid jigi

kkunsidrat qabel l-ohrajn kollha in kwantu, jekk akkolt, ikun ifisser li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u terga' tisma' l-kawza mill-gdid fuq il-mertu fit-termini ta' l-Artikolu 428(3) tal-Kap. 9 – ara ***Il-Pulizija v. Raymond Mifsud*** App. Krim. 10/8/2007 – u mhux neccessarjament, kif qed jippretendi l-appellant, li l-atti jergghu jigu rinvjati quddiem l-ewwel qorti. F'ipotesi simili, cioe` meta din il-Qorti thassar is-sentenza u tipprocedi skond l-Artikolu 428(3), l-aggravji jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-mertu, u inoltre din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) ta' l-imsemmi Artikolu 428 – ara ***Il-Pulizija v. Mario Agius*** App. Krim. 3/2/95, ***Il-Pulizija v. Mary Grech*** App. Krim. 7/7/95, ***Il-Pulizija v. Francis Farrugia*** App. Krim. 15/1/96. Fir-rigward ta' dana l-aggravju l-appellant jissottometti li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, meta semmiet l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li taghhom hija kienet qed issbu hati (Artikolu 382, Kap. 9) indikat disposizzjonijiet zbaljati. L-appellant, fir-rikors tieghu, jissenjala l-"artikolu 39(1)(d) tal-Kap. 339" kif ukoll l-"artikoli 53 u 67 tal-Avviz Legali numru 12 tas-sena 1994". L-appellant ghandu, in parti, ragun. Jinghad in parti biss, ghax ghalkemm huwa veru li l-Kap. 339 huwa l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali (illum revokat bl-Att V ta' l-2005), din ir-referenza zbaljata (ir-referenza korretta kellha tkun ghall-Kap. 399 – l-Att biex Jirregola Telekomunikazzjonijiet Elettronici) kjarament saret mill-ewwel qorti fir-rigward tas-sitt inputazzjoni, imputazzjoni li minnha huwa gie lliberat b'mod ghalhekk li ma japplikax l-Artikolu 382. Mhux l-istess, pero`, jista' jinghad dwar l-"Avviz Legali numru 12 tas-sena 1994". Hawn presumibbilment l-ewwel qorti kienet qed tirreferi ghat-tieni imputazzjoni fejn il-ligi applikabbli hija l-A.L. 128 tal-1994 – ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. L-avviz legali indikat mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha jirrigwarda materja li taqa' taht l-Att dwar l-Edukazzjoni u ma' ghandu x'jaqsam xejn ma' l-imputazzjonijiet kif dedotti. Ghalhekk tigi nieqsa fis-sentenza "formalita` sostanzjali" b'mod li tkun applikabbli t-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali gja msemmi. Konsegwentement din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata – s'intendi limitatament ghal fejn instabet htija u mhux ukoll fejn hemm liberazzjoni mis-sitt imputazzjoni – u ser tghaddi biex tiddecidi l-kawza mill-

gdid fuq il-mertu. Din il-Qorti hawnhekk thossha fid-dover li tigbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Magistrati sabiex toqghod aktar attenta li zbalji bhal dawn, li necessarjament jaghtu xoghol zejjed lil kulhadd, jigu evitati.

**2.** Ikun opportun, ghalhekk, f'dana l-istadju li din il-Qorti tirriassumi brevement dak li jirrizulta mill-provi – provi li gew kollha mismugha minn din il-Qorti fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2007. Minn dawn il-provi jirrizulta li fid-data, hin u post indikati fl-imputazzjoni l-appellant, waqt manuvra ta' sorpass, baqa' diehel fil-vettura misjuqa minn, u proprjeta` ta', Jacqueline Delicata. Ghalhemm il-habta kienet aktar f'forma ta' tkaxkira ta' karozza ma' ohra, il-vettura ta' Delicata sofriet danni mhux hazin, kif jidher fir-ritratti ezibiti a fol. 26 tal-atti – ossia hsarat fuq il-bieba ta' wara tal-lemin, bieba ta' quddiem, *mudguard*, *bumper*, rota u mera. Minkejja li l-habta, ossia kollizjoni, kienet evidenti (skond wahda mill-passiggiera, Maria Delicata, id-daqqa kienet qawwija), l-appellant ma waqafx izda baqa' sejjer, u dan minkejja li Jacqueline Delicata indikatlu biex jieqaf anke billi daqqet il-*horn.* Dak il-hin tal-habta ma jirrizultax li kien hemm xi vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta ghal dik li fiha kien qed isuq l-appellant. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-vettura li kien qed isuq l-appellant – CBE-334 – kienet issejjah lil Valerie Grech. Irrizulta wkoll li fil-gurnata in kwistjoni l-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant ma kienitx giet imgedda, ossia kienet skaduta (kienet skadiet fit-18 ta' Jannar 2002), u l-polza ta' assigurazzjoni fuq l-imsemmija vettura kienet ukoll skadiet fil-31 ta' Marzu 2001 (ara d-deposizzjoni ta' P.S. 1424 Mario Sciberras, korroborata minn dik ta' Saviour Farrugia). Meta ftit wara l-kollizjoni, Jacqueline Delicata marret tirraporta l-Ghassa tal-Pulizija u, minn indikazzjonijiet, inkluz in-numru tal-vettura in kwistjoni, is-Surgent Sciberras wasal ghall-konkluzzjoni (korretta, kif jirrizulat mill-kumpless tal-provi) li s-sewwieq tal-vettura kien l-appellant, l-imsemmi Surgent cempel lill-appellant fuq il-telefon cellulari ta' l-appellant. L-appellant irrifjuta li jmur l-Ghassa. U meta s-Surgent qallu biex jghidlu fejn kienet il-karozza, l-appellant mhux biss irrifjuta li jghidlu izda qallu *"Ara ma jfettillekx tigi u thabbatli l-bieb tad-dar, ghax b'rasek idur. Jien irrid norqod ghax jien uman, ghax wara rrid immur l-ufficju."* L-

appellant anke insolenta lill-imsemmi Surgent billi qallu *"surgent tat-toqba ta' s…."* u *"assassin"*.

L-ewwel aggravju – issa, kif rajna, sottomissjoni – ta' l-appellant hija li fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni l-prosekuzzjoni ma setghetx tipprocedi *ex officio* u dan peress li r-reat ipotizzat b'din l-ewwel imputazzjoni – ir-reat kontemplat fl-Artikolu 328(d) – jirrikjedi l-kwerela tal-parti offiza. L-appellant jorbot ukoll din id-disposizzjoni ma dak li jipprovdi l-Artikolu 373 tal-Kap. 9: *"Fir-reati msemmijin fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 l-ezercizzju ta' l-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmija fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta' l-offiz…"*. Evidentement l-appellant qed jaghzel li jinjora kompletament il-*proviso* tal-imsemmija disposizzjoni li jipprovdi, *inter alia*, li meta reat simili jsir *"…flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku…"* il-pulizija tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* anke fir-rigward ta' reati bhal dawk. Fil-kaz in dizamina, ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni kien certament akkumpanjat minn reati li jmissu l-ordni pubbliku – ir-reat ta' sewqan tarskurat u negligenti kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni, ir-reat ta' sewqan bla kopertura tal-assigurazzjoni, u s-sewqan minghajr licenzja tas-sewqan imgedda u allura bla licenzja. Ghalhekk f'dan il-kaz il-Pulizija Ezekuttiva setghet tipprocedi *ex officio* anke fir-rigward tar-reat kontemplat fl-Artikolu 328(d).

Aggravju iehor ta' l-appellant huwa li ma hemmx provi sufficjenti li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija taht l-imsemmi Artikolu 328(d). Dana l-aggravju hu wiehed altament fieragh. Il-provi juru kjarament bil-kontra, u cioe` li l-appellant ghamel, involontarjament, hsara fil-vettura ta' Jacqueline Delicata bil-manuvra skonsiljata ta' sorpass li huwa wettaq.

Skond l-appellant, anke t-tieni imputazzjoni ma tirrizualtax. Huwa jikkontendi li biex ikun hemm l-obbligu li wiehed jiqaf skond ir-regolament 67 tal-A.L. 128/1994, irid ikun hemm "head on collision" u mhux semplici zbrixxjatura. L-appellant m'ghandux ragun. Ir-regolament in kwistjoni huwa car: *"<u>F'kull kaz</u>, fejn minhabba vettura bil-mutur fit-*

*triq, jigri xi incident li jkun jinvolvi offiza fuq persuna ohra jew tigi kagunata hsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta` ohra, id-*driver *tal-vettura ghandu jieqaf…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). F'dan il-kaz, hlief jekk l-appellant kien tant xurban li anqas biss kien jaf li qed isuq – u ma hemmx prova ta' dan – huwa ma setax ma jintebahx li kien habat ma' vettura ohra b'mod li neccessarjament ikkaguna xi hsara.

L-appellant jilmenta wkoll li l-presunzjoni kontenuta fis-suabrtikolu (1A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tivvjola l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dwar dana l-aggravju din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid ghas-semplici raguni li l-ewwel Qorti, meta fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2006[1] l-appellant, allura imputat, talab referenza kostituzzjonali, iddecidiet li t-tqanqil ta' tali kwistjoni kienet frivola u vessatorja[2]; u din il-Qorti hija marbuta b'dik id-decizjoni li t-tqanqil ta' dik il-kwistjoni hija frivola u vessatorja. Huwa minnu li l-appellant jidher li ddecieda li jirriproponi mill-gdid il-lanjanza kostituzzjonali permezz ta' rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, pero` dawk il-proceduri f'dana l-istadju b'ebda mod ma jincidu fuq dana l-appell. Effettivament dana l-ilment ma hux proprjament "aggravju" izda semplici "informazzjoni" -- jekk tista' ssejhilha hekk -- lil din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sena. Din il-Qorti, pero`, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li f'dan il-kaz l-iskwalifika ossia sospensjoni – mitluba fl-att ta' citazzjoni mill-Pulizija Ezekuttiva – ghandha tkun mhux ghall-minimu ta' tmint ijiem kontemplati fl-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65, izda ghal ferm aktar. Il-fedina penali ta' l-appellant turi li huwa ghandu erba' kundanni ohra konnessi ma' l-uzu ta' vettura bil-mutur, inkluzi tlett kundanni li saq bla kopertura tal-assigurazzjoni. Il-Pulizija, pero`, ghal xi raguni, ma akkuzatx lill-appellant li hu recidiv f'dawn id-delitti b'mod ghalhekk li din il-Qorti (bhall-ewwel Qorti) ma tistax

[1] Mhux 20 ta' Marzu 2006, kif erroneament indikat fir-rikors ta' appell.
[2] Ara l-provvediment tal-ewwel qorti tal-20 ta' Lulju 2006 a fol. 60 *et seq.*

tapplika l-paragrafi (b) u (c) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104, izda hija ristretta ghall-paragrafu (a).

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jikkummenta wkoll fuq l-apprezzament – li hu jqis li kien skorrett – tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, u jghid in partikolari li l-ewwel qorti kienet "selettiva" f'dak li hija ghazlet li temmen jew ma temminx. Galadarba din il-Qorti semghet il-provi kollha u ghamlet l-apprezzament taghha mill-gdid, dana l-aggravju issa ma ghandux skop. Jinghad biss li din il-Qorti ma tarax li l-ewwel qorti ghamlet xi apprezzament skorrett tal-provi ghal dak li jirrigwarda x'verament gara jew ma garax.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni, l-appellant jilmenta li l-ewwel qorti ma setghetx issibu hati tar-reat ta' oltragg ta' ufficjal pubbliku – Artikolu 95(1) – u dan ghar-raguni li l-kliem ma sarx "de visu" izda sar permezz tat-telefon, ma sarx "officio durante" u anqas ma kien hemm "animus iniuriandi". Din il-Qorti ezaminat is-sentenzi citati mill-appellant – l-aktar wahda recenti minnhom ***Il-Pulizija v. Frank Attard*** tad-29 ta' Marzu 1958 – izda ma tarax li tista' takkolji dana l-aggravju. Jibda biex jinghad li ir-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) huwa intiz biex jipprotegi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku (li jinkludi allura anke ufficjali tal-Pulizija) fil-qadi tad-doveri taghhom. Dak li trid tipprevjeni l-ligi huwa li minhabba ingurja, theddid jew offiza fuq il-persuna[3] ufficjal pubbliku jigi imfixkel fil-qadi tad-doveri tieghu. Ir-rekwizit ta' "de visu" ma jfissirx li l-agent u l-vittma jkunu neccessarjament qed iharsu lejn wicc xulxin jew li jkunu neccessarjament fil-presenza fizika ta' xulxin, izda jfisser li l-ingurja, it-theddida jew l-offiza isiru <u>direttament</u> minn wiehed ghal ghand l-iehor. Issa fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li bil-fatt li l-appellant u s-Surgent Sciberras kienu qed jikkomunikaw bit-telefon ma jigix nieqes dan l-element, daqs kemm ma jigix nieqes li kieku l-ingurja jew it-theddid saru minn wara bieb maghluq jew min-naha l-ohra ta' hajt jew cint gholi – izda dejjem direttament minghand l-agent ghal ghand il-vittma. Anqas jista' jkun hemm dubbju li

[3] F'dan il-kaz ma hux qed jigi allegat, u anqas ma rrizultat, xi offiza fuq il-persuna.

f’dan il-kaz l-oltragg sar “officio durante” ghax kien proprju intiz biex ifixkel lis-Surgent fil-qadi attwali tas-servizz pubbliku tieghu li jinvestiga sew il-kollizjoni li kienet sehhet ftit qabel (u jidher li f’dan ir-rigward l-appellant irnexxielu ghax kien biss erbat ijiem wara li l-istess Surgent, flimkien ma’ kuntistabbli, marru jkellmu lill-appellant!). Kwantu ghall-“animus iniuriandi”, il-kliem uzati jitkellmu ghalihom infushom.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel qorti kkummentat dwar il-fatt li huwa ma xehdx. B’daqshekk, pero`, l-ewwel qorti ma inkorriet f’ebda zball. Huwa minnu li hadd ma jista’ jgieghel lil xi persuna tikkonfessa xi haga jew li tixhed – ghall-anqas mhux fl-foro estern – *accusare nemo se debet nisi coram Deo* – izda kien legittimu ghall-ewwel qorti li tosserva li bil-fatt li l-appellant ma xehdx quddiemha gie li huwa ma kkontraddixxiex dak li ntqal fil-konfront tieghu u li dik il-qorti kienet temmen li kien minnu. Dana l-aggravju huwa ghalhekk kompletament infondat.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma l-liberazzjoni mis-sitt imputazzjoni, u wara li hassret u annullat is-sentenza appellata fil-bqija, issib lill-appellant Dr Alfred Grech hati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjoni u, wara li rat l-Artikoli 95(1), 328(d) u 30(1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 15(1)(a)(3), 54 u 55 tal-Kap. 65, l-Artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap. 104 u r-regolament 67(1) tal-A.L. 128/1994 tikkundanna lill-istess Dr Alfred Grech ghall-piena komplessiva ta’ multa ta’ elf u mitt lira (Lm1,100), konvertibbli f’sitt xhur prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi, u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ sentejn mill-lum.

U wara li din il-Qorti rat ir-regola 4 tal-Kodici ta’ Etika u Mgieba ghall-Avukati, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------